

Dr Jason Grima B.A. LL.D.
Surġent (1454), Uffiċju Legali

# Kompliċita' - *Concursus Delinquentium* (2)

IL-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 42 jispeċifika li ċertu sitwazzjonijiet jirrendu persuna kompliċi f'delitt. Kif spjegajt fl-artikolu li ġie pubblikat fil-ħarġa li għaddiet, insibu tliet istanzi fejn il-Kodiċi jqies persuna bħala kompliċi minħabba kompliċita' morali u f'dan ir-rigward insibu tliet sub-artikoli. Insibu wkoll żewġ sub-artikoli oħra fejn persuna tkun meqjusa bħala kompliċi jekk ikun hemm parteċipazzjoni fiżika fil-kommissjoni tar-reat. Dan l-artikolu jgħid illi persuna titqies li hija kompliċi f'delitt jekk hija:

*(a)* tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew
*(b)* tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella li tkun tat struzzjonijiet biex isir id-delitt; jew
*(ċ)* tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew
(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew
(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

Wieħed jinnota illi is-subartikolu (a),(b) u (ċ) jikkonsistu f'sitwazzjonijiet li persuna tkun kompliċi minħabba parteċipazzjoni morali fid-delitt. Filwaqt li f'artikolu (ċ) u (d) insibu li persuna titqies kompliċi minħabba li l-parteċipazzjoni tagħha hija waħda fiżika.

## KOMPLICITA' MINĦABBA ATTEĠJAMENT MORALI

*(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt*

L-ewwel sitwazzjoni li nsibu fil-Kodiċi Kriminali tagħna hija l-iktar waħda diretta li jista' ikollok biex peruna titressaq bħala kompliċi quddiem il-Qrati Kriminali ta' Malta. Hawn insibu sitwazzjoni fejn persuna (il-kompliċi) tkun qabdet persuna jew tkun talbet is-servizz ta' persuna oħra (f'dan il-każ l-awtur) biex tagħmel delitt. Fi kliem aktar faċli l-awtur ikun qiegħed jaġixxi bħala mandatarju tal-kompliċi. Huwa rrelevanti jekk il-mandat (it-talba) ikun b'xi forma ta' kumpens jew le. L-importanti huwa li jkun hemm forma ta' ftehiem bejn il-mandant u l-mandatarju. Jekk il-mandatarju ma jaċċettax l-inkarigu ma hemmx kompliċita'. Jekk wara li jkun irrifjuta, jiddeċiedi minn jheddu li jbiddel il-ħsieb u mingħajr ma jinforma lil mandant, jikkommetti d-delitt, huwa ikun unikament responsabbli, minħabba l-fatt li din il-forma ta' kompliċita' trid tkun waħda ta' natura kontinwa. Jista' għalhekk il-mandant jiddispjaċih ta' l-ordni li jkun ta u jerġa' jirrevokaha lura. F'dan il-każ jekk il-mandatarju xorta wa?da jwettaq id-delitt, m'hemmx każ ta' kompliċita' jekk żewġ kundizzjonijiet ikunu sodisfatti. Dawn il-kundizzjonijiet huma li l-kontra-mandat ta' l-ordni jkun ġie a konjizzjoni ta' l-attur u f'ħin opportun.

Il-kontro-mandat jista' f'ċertu każijiet jintbagħat ukoll ma terza persuna. Jekk l-intermidjarju jkun jaf b'offiża, huwa ukoll jiġi kompliċi ma' l-attur. Jista' jagħti l-każ li l-persuna li tkun ġiet ordnata biex tagħmel ir-reat, wara li taċċeta li tagħmlu, għal xi raġuni ma tkunx kapaċi biex tikkommetti r-reat u tingaġja terza persuna biex tikkommeti l-actus reus tar-reat hi. Jekk din it-terza persuna taċċetta u tikkometti dan ir-reat, din il-persuna tiġi l-awtur tar-reat u l-persuna li qabditha tiġi kompliċi bħal min kien oriġinarjament qabbada.

*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew għemil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella li tkun tat struzzjonijiet biex isir id-delitt*

F'dan is-subartikolu l-liġi qiegħda issemmi dawk il-mezzi li taħseb li huma effikaċi biex iġġagħlu persuna tikkommetti reat. Huma kollha mezzi li jissupplixxu l-impuls neċessarju biex persuna tissurpassa il-biża' naturali li tħoss meta tkun se tagħmel xi ħaġa kontra il-liġi u li se tinqabad u tbati il-konsegwenzi tal-piena.

Is-sempliċi ġiegħel jew l-istigazzjoni mill-banda l-oħra mhux biżżejjed biex wieħed jinstab ħati ta' kompliċita'. Fil-fatt il-persuna li tkun ġiet instigata trid tikkommetti r-reat li tkun ġiet instigata biex tagħmel.

Meta qegħdin nitkelmu fuq theddid, jekk dan it-theddid ikun theddid ta' vjolenza serja fuq il-persuna, jista' fiċ-ċirkustanzi imsemmija jikkonstitwixxi forza barranija li ma setgħatx tiġi rreżistita. F'dawn iċ-ċirkustanzi min jikkommetti d-delitt ma jkunx kriminalment responsabbli; biss, it-theddid irid ikun ta' natura reali.

Insibu l-istess sitwazzjoni fejn il-liġi tagħmel referenza għal maniġġi jew għemil qarrieqi. F'dawn il-każijiet dik il-persuna li qegħda thedded jew qegħda tqarraq tkun solament responsabbli tar-reat.

L-instigazzjoni tista' anke ssir b'abbuż ta' poter jew awtorita'. F'dan il-każ, ġeneralment din tkun taħt il-forma ta' ordni.

Mod ieħor kif persuna tista' tipparteċipa fil-kommissjoni ta' reat mingħajr ma tieħu parti attiva fih huwa billi tagħti struzzjonijiet. Mil-każistika wieħed jista' jinnota illi l-liġi qiegħda tirreferi għal l-informazzjoni rigward il-post, ħin, persuni u ċirkustanzi oħra u direzzjonijiet fuq il-mezzi li għandhom jintużaw biex il-kommissjoni tar-reat tiġi faċilitata'.

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistiħ, tieqaf miegħu jew tikkompensaħ*

# Premier Car Center

NEW · SECOND HAND · PART EXCHANGE



Burmarrad Road, Burmarrad SPB 03

Tel: 21 585214, 21 573468,

Mob: 7951 0510, 9949 7774 Fax: 21 585213

E-mail: pli@waldonet.net.mt



It-tielet istanza fejn wieħed issib kompliċita' morali hija kkontemplata fis-sub-artikolu (e) ta' l-artikolu 42. Taħt dan is-subinċiż insibu differenza li wieħed irid jagħmel meta jipparaguna dan is-subartiklu ma' s-subartiklu (b) diskuss aktar il-fuq f'dan l-artiklu. Dawn iċ-ċirkustanzi huma differenti minn meta persuna tinstiga lil persuna oħra biex tikkommetti reat. Hemm differenza sustanzjali bejn tinstiga u xxewwex jew issaħħaħ il-volonta' ta persuna biex tagħmel reat. Fil-każ ta' instigazzjoni, il-ħsieb li wieħed ikun ifforma biex jikkommetti delitt huwa l-effett dirett ta' l-istigazzjoni. Mil-banda l-oħra meta wieħed jitkellem fuq tixxwix, wieħed jista' jassumi illi l-ħsieb biex isir id-delitt ikun diġa' ġie ffurmat ġo moħħ id-delikwent, pero' id-delinkwent ma kellux il-kuraġġ neċessarju biex jikkometti l-istess delitt. F'dan il-każ id-determinazzjoni tiegħu tiġi imsaħħa minn persuna oħra.

Aktar 'il fuq għamlit aċċen li ma jistax ikollok kompliċita' jekk ir-reat ikun diġa sar. Dan ma jfissirx pero' li jekk qabel ma jsir ir-reat tkun saret xi promessa ta' assistenza għal dak li jista' jiġri wara r-reat, ma ikunx hemm lok ta' kompliċita'. Jekk dik il-promessa tkun issupplixxiet il-kuraġġ neċessarju biex isir ir-reat ikun hemm sitwazzjoni ta' kompliċita'.

KOMPLIĊITA' B'ATTI FIŻIĊI

*(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-għemil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati*

Dik il-persuna li tipprokura il-mezzi biex jintużaw fil-kummissjoni ta' reat tkun qiegħda tagħti kontribut materjali fit-tmexxija ta' għan komuni li jrid ikun jeżisti bejn l-awtur u l-kompliċi. Ma rridux ninsew pero' illi l-fatt biss li kien hemm persuna li tkun ipprokurat xi mezz biex isir reat per se mhux biżżejjed biex tinstab ħtija ta' kompliċita'. Żewġ kundizzjonijiet oħra jridu jkunu preżenti. Il-mezzi iridu jiġu użati fil-kommissjoni tar-reat u dawn il-mezzi iridu jkunu fornuti għal ta' l-apposta biex jiġu użati fil-kommissjoni tar-reat.

(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentament, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat.

Din hija l-aħħar forma ta' parteċipazzjoni materjali u anke hawn huwa essenzjali li l-kompliċi jkun konxju li qiegħed jikkopera ma' l-awtur tar-reat u il-kooperazzjoni trid tkun iffaċilitata l-kommissjoni tar-reat. Mhux biss, imma irid ikun hemm ukoll att li ta' bidu għall-eżekuzzjoni tar-reat. Ma jistax ikun hemm kompliċita' jekk ta' l-inqas ma ikunx hemm attentat.

Wieħed irid ukoll jiftakar illi meta qegħdin niddiskutu din il-forma ta' kompliċita', l-assistenza mogħtija ma tridx tkun tali li ikun hemm parteċipazzjoni attiva f'att li jikkostitwixxi l-offiża. Jekk ikun il-każ allura ma nistghux nitkelmu fuq kompliċita' imma fuq ko-awturi. L-assistenza mogħtija trid tkun b'mod u manjiera li l-kompliċi ma ikunx ħa sehem attiv f'att stess li jikkostitwixxi r-reat.

Is-sempliċi preżenza hija suffiċenti biex ikun hemm din il-forma ta' kompliċita'. Per eżempju, huwa kompliċi min joqgħod jistenna barra fit-triq, attent li ma jkunx ġej xi ħadd biex persuna oħra tkun tista' tisgassa bieb biex tidħol tisraq minn ġo dar.

Kliem, ukoll jista' jagħti lok għal kompliċita' taħt dan is-sub-artikolu. Jekk persuna toqgħod iżomm bil-kliem sid ta' ħanut sabiex l-attur ikun jista' jisraq xi oġġetti mill-ħanut, f'dan il-każ hemm ukoll kompliċita' materjali.

DISPOŻIZZJONI OHRA FIL-KODIĊI KRIMINALI

Fil-liġi tagħna ma nsibux differenza fil-piena bejn dik ta' l-awtur u dik tal-kompliċi meta misjuba ħatja. In fatti l-kompliċi huwa suġġett għal l-istess piena li tista' tiġi inflitta fuq l-awtur. L-artikolu 43 jgħid illi:

43. Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.

Wieħed irid ukoll iżomm quddiem għajnejh illi jekk żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, iċ-ċirkostanzi li għandhom x'jaqsmu biss mal-persuna ta' xi waħda minnhom individwalment, sew jekk tkun awtur jew kompliċi, u li lilha jkunu jneħħula, ikabbrula jew inaqqsula l-piena, ma jiswew la ta' ġid u lanqas ta' deni lill-oħrajn li jkunu mdaħħlin fl-istess delitt. Dan ifisser illi jekk per eżempju l-kompliċi jkollu ħmistax-il sena, dan ikollu mitigazzjoni fil-piena. Din il-mitigazzjoni ma jibbenefikax minnha l-awtur. L-istess fir-rigward ta' xi żieda fil-piena li jista' jkollu l-awtur jew il-kompliċi minħabba biex ngħati eżempju li wieħed minhom ikun reċidiv.

L-artiklu 45 jgħid illi, 'meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel Iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -

(a) lill-persuna li tagħmel l-att;
(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u
(ċ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.

Dan l-artiklu jorbot dak kollu li intqal fl-ewwel parti ta' din l-ispjega. Biex ikun hemm kompliċita' irid ikun hemm intendiment wieħed, irid ikun hemm il-common design. Jekk il-kompliċi jew l-awtur jagħmel xi att differenti minn dak li ikun ġie mifthiem, jekk dak l-att jiggrava d-delitt, l-awtur ikun solament responsabbli ta' l-aggravju. Dik hija r-regola ġenerali li bħal ħafna regoli oħra nsibu pero' l-eċċezjonijiet tagħha msemmija fl-artiklu 45.

Ta' min jagħti wkoll importanza li jistħoqlu lill-artiklu 48 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jgħid illi dawn id-dispożizzjonijiet jgħoddu wkoll għall-kontravenzjonijiet.